# QORTI CIVILI - PRIM’AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 31 ta’ Ottubru 2019**

**Kawza Numru: 32**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 511/2019 JVC**

**Dr John Axiak bhala Mandatarju Specjali ta’ Christine Sciberras**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Dr. John Axiak noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-attrici esponenti hija Maltija, li twieldet f’Malta fis-sittax (16) ta’ Mejju tas-sena elf, disa’ mija, sebgha u sebghin;

2. Illi f'April tas-sena 2002, hija telqet minn Malta u marret tghix fir-Renju Unit (Ingilterra);

3. Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) l-esponenti izzewget lil Humbert Mozzi detentur tal-passaport Ingliz li jgib in-numru PBGR070022226;

4. Illi dan iz-zwieg sehh f'Malta, quddiem ir-registru pubbliku, hekk kif jidher mill-att taz-zwieg mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Kopja ta' l-att taz-zwieg datat 23 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC1';

5. Illi immedjatament wara li huma izzewgu, huma irritornaw lejn l-Ingilterra;

6. Illi wara dan iz-zwieg hija hadet kunjom Humbert Mozzi u ghalhekk hija saret Christine Mozzi;

7. Illi ftit wara li sehh dan iz-zwieg il-koppja ltaqghu ma problemi matrimonjali tant li sa Frar tas-sena 2004 ir-relazzjoni taghhom kienet spiccat ghal kollox;

8. Illi permezz ta' decizjoni datata 24 ta' Frar 2006 tal-Qorti tal-Gustizzja tar-Renju Unit (Decizjoni Numru FD05D5810) l-Qorti pronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti. Kopja ta' din id-decizjoni hija hawn annessa u immarkata bhala Dok. 'SC2';

9. Illi ghalkemm fid-digriet tad-divorzju datat 24 ta' Frar 2006 tal-Qorti tar-Renju Unit, ma hemmx imnizzel li l-esponenti kienet ser tirreverti lura ghal kunjom taghha, skond il-liġi u l-procedura fir-Renju Unit, hija xorta wahda irrivertiet lura ghal kunjom taghha qabel iz-zwieg, cioè Sciberras;

10. Illi sal-gurnata tal-lum ma hemm l-ebda dokument ufficjali li nhareg mill-Ingilterra li jirreferi ghal-esponenti b'isem iehor ghajr Christine Sciberras;

11. Illi intant fl-ewwel ta' Dicembru tas-sena 2018 l-esponenti izzewget lis-sur Neil Thomson ragel bin-Nazzjonalità tar-Renju Unit u kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg l-esponenti izzewget u zammet kunjom xbubità jigifieri Sciberras. Jidher bic-car ghalhekk illi fir-Renju Unit, hija maghrufa bhala Christine Sciberras u mhux Christine Mozzi. Kopja tac-certifikat taz-zwieg Ingliz huwa hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC3';

12. Illi fil-30 ta' Mejju, tas-sena 2011, twieldet l-ewwel tarbija ta' l-esponenti, liema tarbija iggib l-isem ta' Elsa May Thomson. Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha, kopja ta' liema huwa hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC4', omm it-Tarbija hija irregistrata bhala Christine Sciberras;

13. Illi fil-8 ta' Lulju tas-sena 2013 twieldet t-tieni tarbija ta' l-esponenti, liema tarbija iggib l-isem ta' Nina Rose Thomson. Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha, kopja ta' liema huwa hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC5', omm it-Tarbija hija irregistrata bhala Christine Sciberras;

14. Illi qieghed jkun specifikat li d-dokumenti kollha mahruga mir-Renju Unit kollha jindikaw lil attrici esponenti bhala Christine Sciberras;

15. Illi l-unika dokument ufficjali mahrug minn enti sew privata jew pubblika li jgib l-isem ta' Christine Mozzi huwa id-digriet ghal-divorzju (Dok. SC2). Ghal kull buon fini qieghed jigi specifikat wkoll illi dan id-divorzju intalab minn Humbert Mozzi u mhux mill-esponenti Christine Sciberras;

16. Illi, anke kull dokument mahrug mill-Istat Malti f'isem l-esponenti huma kollha Christine Sciberras. Intant skond ir-registru elettorali li jinsab miftuh ghal-pubbliku li jinsab fuq *kompjuter* fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti hija maghrufa bhala Christine Sciberras. Kopja ta' estratt minn din il-kopja tar-registru pubbliku hija hawn annessa u immarkata bhala Dok. 'SC6';

17. Illi skond l-ahhar registru elettorali li hareg, jigifieri dik ghall-Elezzjoni tal-Membri Parlamentari tal-Unjoni Ewropeja, l-esponenti hija wkoll maghrufa bhala Christine Sciberras. Kopja tar-registrazzjoni tas-sinjura Christine Sciberras fir-registru elettorali tas-sena 2019 huwa hawn anness u immarkat bhala Dok. 'SC7';

18. Illi l-esponenti ser tiddikjara bil-gurament li ghajr id-dokument li hu esibiti ma' dan ir-rikors (jigifieri dak tal-Qorti, fejn intalab id-divorzju), ma hemm l-ebda' dokument iehor li jirreferi ghal attrici bhala Christine Mozzi;

19. Illi l-esponenti saret taf biss li d-direttur tar-Registru Pubbliku irregistra lil istess esponenti bhala Christine Mozzi u mhux Christine Sciberras, fi Frar ta' din is-sena, meta hija talbet lil Ufficju tal-Passaporti fi hdan l-*Identity Malta*, sabiex jinhargilha passaport gdid stante li ta' qablu skada;

20. Illi minn tfittix li ghamlet l-esponenti jirrizulta li meta Humbert Mozzi, irregistra d-divorzju taghhom li nghata favur taghhom fir-Renju Unit f'Malta. Dan huwa stabbilit mill-annotazzjoni fic-certifikat taz-zwieg (Dok. SC1) u skond l-annotazzjoni din giet registrata fl-4 ta' Mejju tas-sena 2009;

21. Illi jidher li meta huwa ghamel hekk, huwa naqas milli jinforma lir-Registru Pubbliku li Christine Mozzi dejjem zammet il-kunjom taghha, anke wara z-zwieg;

22. Illi anness ma' dan ir-rikors hawn:

   a. in-National Insurance Letter u (kopja ta' liema huwa anness u immarkat bhala Dok. 'SC8');
   b. Denunzji tat-Taxxi bejn is-snin 2010 to 2019 (kopja ta' liema huwa anness u immarkat bhala Dok. 'SC9');
   c. Kontijiet Bankarji u *DBS Certificate* (kopja ta' liema huwa anness u immarkat bhala Dok. 'SC10' u Dok. 'SC11');

   Li huma dokumenti ufficjali li jgibu l-isem ta' Christine Sciberras;

23. Illi sahansitra anke meta hija xtrat il-proprjetà fl-Ingilterra, hija imnizzla fid-dokumenti relattivi bhala Christine Sciberras (vide Dok. 'SC12');

24. Illi minhabba din is-sitwazzjoni l-esponenti ma' tistax issiefer bit-tfal taghha, jigifieri bil-minuri Elsa May Thomson u Nina Rose Thomson, li ghad ghandhom l-età ta' disa' u hames snin rispettivament. Dan ghaliex il-minuri jgibu kunjom missierhom u meta tivjagga bosta drabi hija tigi mitlub sabiex tipproduci dokumentazzjoni li hija ommhom. Peress li d-dokumentazzjoni kollha li tezisti iggib l-isem ta' Christine Sciberras, hija ghalhekk lanqas biss tista' tipprova li din hija omm ulieda, f'kaz li tigi mitluba taghmel dan;

25. Illi din it-talba qieghda issir skond l-artikolu 253 et. sequitur tal-Kodici Civili u qieghed jintalab li jsiru it-tibdiliet necessarji sabiex l-att ufficjali kollha tas-sinjura Christine Sciberras jirriflettu l-kunjom li bih hija maghrufa.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett u bl-aktar qima li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna, qabel is-smiegh tal-kawza, illi jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg li jgib in-numru 1610/2002 billi jizdied il-fatt li wara id-digriet tad-divorzju datat 12 ta' Jannar 2006 (liema decizjoni saret *res judicata* fl-24 ta' Frar 2006) moghti mill-Qorti fl-Ingilterra, hija irrivertiet ghal kunjom xbubita, jigifieri Sciberras, jew skond kif tordna din l-Onorabbli Qorti, salv kull provediment iehor li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Christine Sciberras, u dan skond l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi mill-atti jidher li hemm nieqsa l-prokura necessarja li tipprovdi li l-Avukat John Axiaq huwa awtorizzat sabiex jipprocedi b'din l-azzjoni ghan-nom u in rapprezentanza ta' Christine Sciberras;

2. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk l-attrici tiddikjara taht liema disposizzjoni tal-ligi qed tibbaza l-proceduri istanti, salv pero' illi l-esponenti tirriserva d-dritt taghha illi jekk ikun il-kaz tkun f'pozizzjoni li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent umilment jirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 1605 tas-sena 2002, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi l-annotazzjoni li tnizzlet mill-konvenut saret abbazi tad-digriet ta' divorzju mahrug mill-High Court of Justice ta' Londra gewwa l-Ingilterra. Kif jidher mill-istess digriet li

qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', li gie provdut lil esponent, ma hemm xejn imnizzel illi l-attrici rrevertiet ghal kunjom xbubitha u ghaldaqstant il-konvenut ma setghax jnizzel tali bidla minghajr awtorizzazzjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant f'tali cirkostanza ghal dik li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi permezz tal-verbal datat 22 ta' Ottubru 2019 l-ewwel zewg eccezzjonijiet tad-Direttur intimati gew irtirati;

Rat illi fl-istess verbal ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent nomine isostni li l-allegat zball fic-certifikat li tieghu qed tintalab il-korrezzjoni u cioe' li kunjom ir-rikorrenti ma kellux jidher bhala Mozzi izda bhala Sciberras wara d-decizjoni tad-divorzju, sehh mar-registrazzjoni tad-divorzju li nghata mill-Qorti tal-Guztizzja tar-Renju Unit mid-Direttur intimat;

Rat li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din ir-registrazzjoni ma ntalbitx mir-rikorrenti Christine Sciberras izda mill-ex-ragel taghha Humber Mozzi (kif appuntu jirrizulta mill-istess certifikat esebit) u li ghalhekk ir-rikorrenti ma kellha l-ebda kontroll fuq dak li gie registrat;

Ivverifikat mill-bosta dokumentazzjoni ohra esebita fl-atti u hija sodisfatta li kunjom ir-rikorrenti mad-divorzju kellu jigi registrat bhala Sciberras u mhux kif erronjament gie registrat bhala Mozzi u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata;

Tqis izda li ghal dan l-izball ma kellu l-ebda htija d-Direttur intimat u ghalhekk ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba bhala sorvolata stante li fil-mori saret id-debita pubblikazzjoni kif esebita fl-atti;
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg li jgib in-numru 1610/2002 billi taht il-kolonna intestata 'ADDENDA' b'zieda mal-annotazzjoni datata 04/04/2009 jizdied il-fatt li wara d-digriet tad-divorzju datat 12 ta' Jannar 2006 (liema decizjoni saret *res judicata* fl-24 ta' Frar 2006) moghti mill-Qorti fir-Renju Unit, ir-rikorrenti rrivertiet ghal kunjom xbubita u cioe' l-kunjom 'Sciberras';
3. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' stat civili iehor mahrug fuq l-istess rikorrenti

Christine Sciberras, u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2019**